

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/1501

tal-24 ta' Awwissu 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 ⁽²⁾ jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.
- (2) L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka persuni, entitajiet u korpi li, peress li ġew nominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) huma koperti mill-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.
- (3) L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka persuni, entitajiet u korpi li, filwaqt li ma ġewx elenkati fl-Anness IV, ġew elenkati mill-Kunsill, u huma koperti mill-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.
- (4) Fil-5 ta' Awwissu 2017, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 2371 (2017) li fiha impona miżuri ġodda kontra l-Korea ta' Fuq. Fost l-oħrajn, il-KSNU żied disa' persuni fiżiċi u erba' persuni ġuridiċi mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi. Il-KSNU stabbilixxa wkoll eżenzjonijiet minn dawk il-miżuri fir-rigward ta' żewġ persuni ġuridiċi, jiġifieri, il-Foreign Trade Bank (FTB) u l-Korean National Insurance Company (KNIC).
- (5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1457 ⁽³⁾ jagħti effett lill-miżuri ġodda permezz tal-inklużjoni tal-ismijiet tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi rilevanti fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 329/2007. Minħabba li persuna ġuridika waħda, jiġifieri, il-KNIC, kienet ġiet inkluża qabel fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 329/2007, din issa jenħtieġ li titħassar minn dak l-Anness.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1504 ⁽⁴⁾ emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 sabiex tirrifletti l-każijiet fejn, taħt ir-Riżoluzzjoni 2371 (2017), ma japplikawx miżuri restrittivi kontra l-FTB u l-KNIC.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 329/2007 jiġi emendat skont dan,

⁽¹⁾ ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1457 tal-10 ta' Awwissu 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ĠU L 208, 11.8.2017, p. 33).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1504 tal-24 ta' Awwissu 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 8a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8a

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 6(1) u (4) ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lill- Foreign Trade Bank jew lill-Korean National Insurance Company (KNIC) jew li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom sa fejn tali fondi u riżorsi ekonomiċi jkunu intenzjonati esklużivament għall-finijiet uffiċjali ta' missjoni diplomatika jew konsolari fil-Korea ta' Fuq, jew għall-attivitajiet ta' assistenza umanitarja li jitwettqu min-Nazzjonijiet Uniti jew f'koordinazzjoni magħha.”.

- (2) L-Artikolu 11c huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 11c

B'deroga mill-projbizzjonijiet li jirriżultaw mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2070 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017) u 2371 (2017), l-awtorità kompetenti rilevanti ta' Stat Membru, kif identifikata fuq is-siti web elenkati fl-Anness II, tista' tawtorizza kwalunkwe attività jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina, każ b'każ, li tkun neċessarja biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u nongovernattivi li jwettqu attivitajiet ta' assistenza jew sokkors fil-Korea ta' Fuq għall-benefiċċju tal-popolazzjoni ċivili fil-Korea ta' Fuq, skont il-paragrafu 46 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2321 (2016).”.

3. L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 327/2009 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

ANNEX

Fil-punt (d) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 329/2007, l-entrata li ġejja hija mħassra.

	"Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	Il-Korea National Insurance Corporation (KNIC) u l-fergħat tagħha (magħrufa wkoll bħala l-Korea Foreign Insurance Company)	Haebangsan-dong, Central District, Pyongyang, DPRK Rahlstedter Strasse 83 a, 22149 Hamburg. Korea National Insurance Corporation ta' Alloway, Kidbrooke Park Road, Blackheath, London SE30LW	Il-Korea National Insurance Corporation (KNIC), hi kumpanija proprjeta tal-Istat u kkontrollata mill-Istat, qed tiġġenera dħul sostanzjali, inkluż f'muniti barranin, li jista' jikkontribwixxi għall-programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Barra minn hekk, il-kwartieri ġenerali tal-KNIC f'Pyongyang huma marbutin mal-Uffiċċju 39 tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li huwa entità nominata".